MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 47/2019

It-Tlieta 5 ta' Marzu 2019

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson*
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Frank Fenech – Deputat *Chairperson*

ASSENTI:
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li d-deputat *Chairperson* is-Sur Frank Fenech kien skużat filwaqt li l-membru s-Sur Simon Salamone Reynaud kien assenti. Il-membri aċċettaw l-apologiji.

### 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 46/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

47.2.2 Iċ-*Chairperson* talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni tal-minuti mill-membri preżenti.

47.2.3 Iċ-*Chairperson* talbet għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 47.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

47.3.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li issa li qed joqrob is-Sajf u li dalwaqt jibda x-xogħol ta' tqegħid tal-monument fi Triq il-Port, hemm bżonn li jerġgħu jitwaħħlu l-arbli tal-*istainless steel* sabiex dakinhar tal-inawgurazzjoni jkunu fil-post. Hi qalet li l-arbli qegħdin fl-*istore* tal-Kunsill u biex jeħlu ssir talba lis-sezzjoni tas-CMU jew tal-*beaches* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

47.3.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li fi Triq ir-Rabat fil-parti tat-triq li tagħti għal Triq il-Port hemm bżonn isiru żewġ tabelli *no entry* ħdejn l-*encroachment* tal-istabilimenti waħda kull naħħa, dan għaliex fejn qegħdin fil-preżent m'humiex viżibbli mis-sewwieqa. Kien hemm qbil dwar dan.

Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li wara li ġew installati t-tabelli fil-

47.3.3 *promenade* ta' Triq il-Wied biex ma jkunx hemm konsum ta' xorb alkoħoliku, xi barranin qed joqogħdu fil-passaġġ ta' bejn Triq il-Qbajjar u Triq il-Forn jixorbu hemmhekk. Iċ-*Chairperson* issuġġeriet li ssir tabella simili f'dan il-post ukoll. Kien hemm qbil dwar dan.

## 47.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

47.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech ġibdet l-attenzjoni dwar dawn il-punti:

- Il-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' fi Triq tan-Naħla. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed fil-proċess sabiex il-parkeġġ li jinsab għal nofs ta' triq jimxi għal quddiem ir-residenza tas-Sur Falzon hekk kif kien hemm il-qbil fl-aħħar laqgħa fl-ilment numru KAM 06/2019.
- L-iskart tal-borża s-sewda wara l-jiem tal-Karnival kien imxerred madwar Marsalforn minħabba l-influss ta' turisti li ġew għal dawn il-jiem u li ma mxewx mal-iskeda tal-ġbir. Hi staqsiet dwar il-possibilta' li tiżdied ġabra f'okkażżjonijiet bħal dawn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li issa l-iskeda tal-ġbir tal-iskart hija parti mil-liġi u għalhekk ma tistax iżżid jew tnaqqas, madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ser issir laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ambjent u ta' WasteServ Malta dwar l-andament tal-iskeda l-ġdida u dwar xi emendi fil-liġi li jistgħu jsiru minħabba ż-żieda ta' turisti f'Marsalforn fiż-żmien tas-Sajf.
- It-tabella tal-konfini fil-bidu ta' Triq ir-Rabat ġarrbet xi ħsarat minħabba l-maltemp u hemm bżonn tinbidel. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

47.4.2 Il-membru tal-Kumitat is-Sur Martin Cefai fakkar dwar l-proposta li kienet tressqet waqt laqgħa preċedenti li jiġi nstallat bank fi Triq il-Qbajjar ħdejn il-*bus stop*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li saret it-talba lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

47.4.3 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lill-membri li Marsalforn u ż-Żebbuġ ġarrbu diversi ħsarat wara l-grigalata tal-aħħar jiem. Huwa qal li bħalissa qed jinġabru xi stimi tal-ħsarat li mistennija jlaħħqu madwar €30,000 li jinkludu ħsarat fuq tabelli, fanali dekorattiv u *railing*. Is-Sindku qal li flimkien mal-Gvern Ċentrali qed isiru diskussjonijiet dwar

possibilta' ta' għajnuna finanzjarja biex jsiru t-tiswijiet neċessarji.

47.4.4 Is-Sindku fakkar lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv li l-Kunsill kien applika għall-kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Santa Marija, il-parti ta' quddiem il-*promenade* tal-Qbajjar fl-iskema tal-Ministeru għal Għawdex: Proġett Għawdex. Huwa qal li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv kif ukoll il-Kunsilliera għandhom ifehmu lir-residenti li l-Kunsill għandu l-limitazzjonijiet finanzjarji tiegħu u ċerti proġetti ma jistgħux isiru mingħajr l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

47.4.5 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kumitat li l-għassa tal-Pulizija f'Marsalforn qiegħda tiġi rrestawrata mill-Pulizija. Il-Pulizija talbu lill-Kunsill sabiex l-oġġetti li hemm fl-istore ta' dan il-post jinħarġu minn hemm minħabba x-xogħol li qed isir. Is-Sindku qal li bħalma kien sar il-ftehim fil-passat mal-Pulizija u mal-Ministeru għal Għawdex meta kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni f'dan il-post, għandu jingħata aċċess għall-parti minn dan il-bini lill-Kunsill sabiex joffri s-servizzi tiegħu bl-aħjar mod lir-resident ta' Marsalforn. Is-Sindku informa lill-membri wkoll li wara laqgħa li kellu mal-Pulizija ġie nfurmat li fiż-żmien tas-Sajf ser ikun hemm il-preżenza ta' żewġ pulizija u mhux wieħed f'Marsalforn. Il-membri nnutaw dan b'sodisfazzjon.

47.4.6 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv li wara laqgħa li kellu mal-avukat tal-Kunsill, ġie mgħarraf li l-ġenituri tat-tifel li sofra xi ġrieħi meta waqa' bir-rota fi Triq il-Qbajjar jixtiequ li ssir laqgħa biex jaraw il-possibilta' li jingħata kumpens għal dan l-inċident.

## 47.5 Inawgurazzjoni tal-Monument tal-Gwerra fi Triq il-Port, Marsalforn;

47.5.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li l-monument jinsab fi stadju avvanzat ħafna u qed isiru l-preparamenti meħtieġa biex dan jitpoġġa fil-post. Hi qalet li wara laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u mal-kuntrattur, irriżulta li trid issir *platform* biex il-monument isir fuqu, u wara li nġabret stima din ser tammonta għal €1,500 eskluż il-VAT. Din l-istima nġabet għall-attenzjoni tal-Perit tal-Kunsill li ġġustifika l-prezz tagħha. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

47.5.2 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri li minħabba li x-xogħol mhux ser ikun lest sad-data mħabbra fil-laqgħa ta' qabel għall-inawgurazzjoni ta'

dan il-monument, u minħabba li għad m'għandniex konferma mill-Ministru għal Għawdex biex tattendi għall-inawgurazzjoni, l-inawgurazzjoni ser titmexxa għal aktar 'il quddiem u d-data ser titħabbar wara li x-xogħol ikun komplut.

## 47.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa;

47.6.1 *Preżenti waqt din il-parti tal-laqgħa kien hemm resident minn Marsalforn li ngħata l-opportunita' li jgħaddi s-suġġeriment tiegħu miċ-Chairperson.*

Is-Sur K. Vella Muscat issuġġerixxa sabiex il-Kumitat jikkunsidra l-possibilta' li f'Marsalforn ikun hemm spazji ta' parkeġġ riżervati għar-residenti billi jkun hemm kaxxi b'żebgħa ta' kulur differenti li fihom jistgħu jipparkjaw biss residenti li jkollhom tabella apposta mwaħħla mal-karozza. Huwa qal li f'postijiet oħra f'Malta bħal Buġibba u l-Belt Valletta diġa' teżisti sistema simili. Is-Sur Vella Muscat qal li fil-jiem tal-Karnival u fil-jiem tas-Sajf fejn Marsalforn ikun mimli bit-turisti, ir-residenti jsibuha diffiċli ħafna biex isibu spazju ta' parkeġġ. Il-membri laqgħu dan is-suġġeriment u kien hemm qbil mill-membri preżenti biex isir suġġeriment biex din tiġi nkluża fil-*masterplan* ta' Marsalforn. F'każ li dan ma jkunx possibli din il-proposta tgħaddi għand il-Perit tal-Kunsill biex isir *survey* tat-toroq ta' Marsalforn.

47.6.2 Il-Kumitat Amministrattiv irċieva korrispondenza minn Transport Malta wara t-talba li saret sabiex Triq il-Wied issir *one way* nhar ta' Ħadd wara nofsinhar. Din it-talba ġiet miċħuda minn Transport Malta minħabba li dalwaqt ser jibda x-xogħol fi Triq ir-Rabat u t-traffiku jkollu bżonn jgħaddi minn din it-triq. Il-membri tal-Kumitat ma qablux ma din id-deċiżjoni u qalu li għandha tintbagħat risposta li sakemm jibda x-xogħol din it-triq għandha ssir *one-way* nhar ta' Ħadd wara nofsinhar skont il-ħin indikat.

47.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur D. Xerri biex jiġi organizzat avveniment ta' *Community Clean-Up Day* f'Marsalforn u ż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni bejn il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ u Eco-Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F'dan l-avveniment ikun hemm gruppi ta' voluntiera li jmorru f'postijiet identifikati u jinġabar skart mormi llegalment f'postijiet rurali ta' Marsalforn u ż-Żebbuġ. Qed ikun issuġġerit li ssir

promozzjoni ta' dan l-avveniment fil-midja soċjali kif ukoll permezz ta' *posters* li jitqassmu madwar il-gżira kif ukoll jinġabru xi *sponsors* sabiex għall-voluntiera jiġi provdut trasport u *snack* waqt l-avveniment. Għal dan l-avveniment għandu jkun hemm kumitat organizzattiv li jkun jikkonsisti minn rappreżentanti tat-tlett entitajiet. Il-membri preżenti laqgħu din l-inizjattiva u ċ-*Chairperson* ser tkun qed tirrapreżenta lill-Kumitat Amministrattiv f'dan il-kumitat organizzattiv li ser jiġi mwaqqaf għal dan l-avveniment.

47.6.4 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment:

- Charmaine Attard – *Wedding Event* fi Triq il-Menqa – 29 ta' Marzu 2019.

Il-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

47.6.5 Il-Kumitat irċieva talba mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex tinxtara ż-żebgħa ħalli ssir l-manutenzjoni meħtieġa fil-latrina pubblika ta' Triq Santa Marija. L-istima taż-żebgħa tammonta għal €177.75 inkluż il-VAT. Kien hemm qbil dwar dan.

## 47.7 Mozzjonijiet;

47.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 47.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 t'April 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 8 t'April 2019.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |